SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 19/K6/09

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 25/06/'09** **248**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 25/06/'09** **302**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 25 ta' Gunju 2009.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-5.30 p.m.

1.03 Preżenti: sitt membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Assenti: Il-Kunsillier Norman Vella.

1.05 Kien hemm preżenti l-Perit Stephen Farrugia, MP&DC.

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fid-19 ta' Ġunju 2009. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Offerti
4. Aġġornament Attivitajiet: - Mediterranean Fest

- Jum San Ġiljan

5. Aġġornament Proġetti
6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 18/K6/09 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 18/K6/09.

1.3.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| **Rif. Nru** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 2435/2783/2834 | Ittri mingħand l-Avukat Stefano Filletti rigward Ryan's Pub. |
| 2470&K499 | Ittra lill-MP&DC rigward *Development of Community Home plus underlying Car Park.* |
| 2473&2582 | Ittri mingħand il-MEPA rigward ir-railings ta' Ġnien Saver Zarb. |
| 2493 | Applikazzjoni għall-European Regional Development Fund (ERDF) – Clean Urban Transport for San Ġiljan. |
| 2522 | Ittra mingħand is-Sjra Marie Therese Vassallo rigward kunċerti b'konnessjoni mal-festa tal-Madonna tal-Karmnu u l-festa ta' San Ġiljan. |
| 2528/2611/2722 | Ittri mingħand l-ADT rigward Triq Claire E Engel, Ta' Ġiorni. |
| 2574&2652 | Ittri mingħand il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin rigward il-Libyan Higher Technical Institute. |
| 2577 | Ittra mingħand is-Sur Anton Naudi rigward is-suċċessi tal-Melita FC. |

2614 Memo 35/2009 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-websajt uffiċċjali www.lc.gov.mt.

2647 Ittra mingħand l-MP&DC rigward *Event Management Proposal for Move Together Poster Exhibition Week.*

2656 Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Ħaddiema Klerikali.

2731 Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-kuntratt dwar il-ġbir ta' skart organiku.

2739 Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Seminar għall-Kunsilli Lokali dwar il-Wirt Kulturali u l-Att ta' Kurazija.

2748 Ittra mingħand is-Soċjeta' Mużikali tal-Karmnu Balluta, rigward attivita' li ser issir fil-Pjazza tal-Balluta.

2831 Ittra mingħand l-AKL rigward laqgħa dwar opportunita' dwar Wifi Services.

2842 Ittra mingħand l-ADT rigward xogħolijiet li qed isiru fi Triq il-Kbira.

**Fost l-ittri li nqraw gew diskussi:-**

Rif. Nru. 2435/2783/2834

2.02 B'riferenza għall-ittri mingħand Dr. Stefano Filletti rigward Ryan's Pub ġie deċiż unanimament illi Dr. Filletti jigi nnotifikat biex jibgħat ittra uffiċjali taħt sezzjoni 166A.

Rif. Nru. 2473 &2582

2.03 B'riferenza għall-ittra mingħand il-MEPA rigward ir-railings ta' Ġnien Saver Zarb iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill illi l-Perit Stephen Farrugia diġa għamel kuntatt mal-MEPA rigward dan il-proġett.

Rif. Nru. 2522

2.04 B'riferenza għall-ittra mingħand Marie Therese Vassallo rigward żewg kunċerti b'konnessjoni mal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu u l-Festa ta' San Ġiljan ġie deċiz unanimament illi isir kunċert

wieħed minn Marie Therese Vassallo għall-ammont ta' €900 u wieħed mill-Banda ta' San Ġiljan għall-istess ammont. Dawn il-kunċerti jsiru gimgħa qabel il-festa rispettivament.

Rif. Nru. 2528/2611/2722

2.05 B'riferenza għall-ittra mingħand l-ADT rigward Triq Claire E Engel, is-Sindku Peter Bonello nforma lill-Kunsill illi hu kellem lill-Perit Ivan Cachia, li kien inkarigat mix-xogħolijiet li saru fit-triq imsemmija, u dan verbalment ma nnegax illi ser ikompli x-xogħolijiet.

2.06 Wara diskussjoni qasira gie deċiż unanimament illi:-

- Is-Sur Charles D'Alfonso, ADT, jigi nfurmat b'dan.
- Jiġi ċċekjat jekk il-klijent tal-Perit Cachia, is-Sur Joseph Paris joqgħodx fir-residenza 'Villa Cupola' Triq Pedidalwett, Madliena, u jekk iva jiġi nfurmat il-Kunsillier Edgar Montanaro.

Rif. Nru. 2574&2652

2.07 B'riferenza għall-ittri mingħand il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin rigward il-Libyan Higher Technical Institute, gie deċiż unanimament illi jingħata ftit cans biex jibdew ix-xogħolijiet ta' manutenzjoni fuq il-*boundary wall* tal-kulleġġ, fil-kaz li dan ma jsirx terġa tintbagħat ittra oħra lill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin.

2.08 Il-Kunsillier Karl Gouder wasal fis-6.10pm.

Rif. Nru. 2577

2.09 B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Anton Naudi rigward is-suċċessi tal-Melita FC gie deċiż unanimament illi l-Kunsill jisponsorja żewġ players għall-ammont ta' €500 biex jippromwovu aktar l-isports fil-lokalita'.

Rif. Nru. 2656

2.10 Saret riferenza għall-ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-ħaddiema klerikali. Is-Segretarju Eżekuttiv gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi minbarra l-problema ta' nuqqas ta' riżorsi umani, Ms Lindsay Debattista ser tiżżewweg f'Settembru 2009 u

ghaldaqstant ser tkun bil-leave mit-22 ta' Settembru sat-28 ta' Ottubru 2009. Għalhekk matul Ottubru Ms Connie Said ser tkun qed tagħti s-servizz tagħha l-gimgħa kollha filgħodu bejn it-8.30am u 12.30pm, jew sakemm tkun tista'. Ms Marisa Micallef, li qed taħdem bir-reduced hours, ser taħdem sal-3.45pm darbtejn fil-gimgħa minflok darba.

Rif. Nru 2731

2.11 B'riferenza ghall-ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-kuntratt dwar il-ġbir ta' skart organiku, ġie deċiż unanimament illi:-

- ✓ qabel ma tinħareg sejħa għall-offerti l-Kunsill jistenna li ssir is-sezzjoni ta' informazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali flimkien ma' l-awtoritajiet l-oħra kkonċernati;
- ✓ jiġu avviċinati s-Sindki ta' tas-Sliema u ta' Swieqi biex il-ġbir ta' skart organiku jsir bejn tlett Kunsilli sabiex tinqasam l-ispiża.

Rif. Nru. 2739

2.12 B'riferenza għall-ittra mingħand id-Dipartiment għall-Ġvern Lokali rigward Seminar għall-Kunsilli Lokali dwar il-Wirt Kulturali u l-Att ta' Kurazija, ġie deċiż unanimament illi l-Kunsilliera Edgar Montanaro, Ronald Agius, Irene Borg u Richard Scicluna jattendu għall-dan is-seminar.

2.13 Il-Perit Stephen Farrugia wasal fis-6.40pm

Rif. Nru. 2748

2.14 B'riferenza għall-ittra mingħand is-Soċjeta' Mużikali tal-Karmnu Balluta gie deċiż unanimament illi l-attivita' li ser issir fil-Pjazza tal-Balluta fid-19 ta' Lulju 2009 issir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill u jingħataw €233 biex ikopru parti mill-ispejjez.

Rif. Nru. 2831

2.15 B'riferenza għall-ittra mingħand l-AKL rigward laqgħa dwar opportunita' dwar Wifi Services filwaqt li ngħatat kopja tad-dokument lill-Kunsilliera kollha gie deciz unanimament illi r-risposta tingħata aktar il quddiem, wara l-laqgħa li jmiss fl-aħħar ta'

Lulju, peress li ż-żmien biex tittiehed deċizjoni kien qasir wisq. Madankollu l-Kunsill ser jattendi għal-laqgħa ta' informazzjoni li ser issir fit- 3 ta' Lulju 2009.

Rif. Nru. 2842

2.16 Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Charles D'Alfonso, ADT, rigward ix-xogholijiet li qed isiru fi Triq il-Kbira, mill-Kuntrattur tal-Kunsill, Dimbros Ltd. Is-Sindku Peter Bonello ġibed l-attenzjoni li l-prekawzjonijiet ta' sigurta' li ttieħdu mill-kuntrattur insterqu darbtnejn u reġgħu saru. Dan ġie kkonfermat ukoll mill-Perit Stephen Farrugia li kien preżenti għal-laqgħa.

2.17 Saret sospenzjoni tar-regolamenti biex tiġi diskussa Item 5 qabel Item 3 u 4.

2.18 Ma kienx hemm oggezzjoni.

**5 Aġġornament - Proġetti**

***Move Together Poster Exhibition***

5.01 Saret riferenza ghall-korrispondenza mingħand l-MP&DC (Inc. 2647/09) rigward *Event Management Proposal for Move Together Poster Exhibition Week*. Il-Perit Stephen Farrugia spjega li din l-ittra ntbagħtet biex il-Kunsill ikun jaf l-ispiza biex tittella l- *Move Together Poster Exhibition* iżda kkonferma illi permezz ta' l-isponsors li ser jinstabu min-naħa tagħhom il-Kunsill mhux ser joħrog flus biex tittella' din l-esebizzjoni.

5.02 Ghaldaqstant gie deċiż unanimament illi l-ittra (Rif. Inc. 2647/09) tiġi ffirmata dment li l-Kunsill ma jkollux joħroġ flus.

5.03 Il-Kunsill ingħata spjegazzjoni mingħand is-Segretarju Ezekuttiv Helen Walker u l-Perit Stephen Farrugia, dwar il-meeting li sar għall-partners gewwa Vienna f'Gunju 2009 u rigward il-preparamenti li ser isiru b'konnessjoni mal-Move Together Poster Exhibition. Din l-esebizzjoni ser tittella' bejn is-16 u 22 ta' Settembru 2009.

***Dar għall-anzjani***

5.04 Fir-rigward il-proġett tad-Dar għall-Anzjani, il-Kunsill ġie nfurmat illi:-

- ✓ ser issir laqgħa ma' l-Onorevoli Chris Said u Mario Galea nhar it-Tlieta 30 ta' Ġunju 2009 sabiex jiġi diskuss aktar fid-dettal dan il-proġett u progetti oħra. Il-Perit Farrugia gibed l-attenzjoni li waqt din il-laqgħa ser jigi ppreżentat dokument dwar il-proġetti.

- ✓ Dwar it-talba għad-devoluzzjoni ta' l-art il-Perit Farrugia għarraf lill-Kunsill li hemm il-bzonn li jkun hemm *financial controller* indipendenti. Hawnhekk iċ-Chairman gibed l-attenzjoni li għall-interess tal-Kunsill ta l-istruzzjoni li dan ikun l-accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani ( Ara Appendici 'A' ). Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

- ✓ L-MP&DC qed jagħmlu l-preparamenti biex tinħareġ sejħa għall-offerti għal *strategic partner*.

- ✓ Sar il-land survey.

***Triq Sant Elia***

5.05 Il-Perit Stephen Farrugia nforma lill-Kunsill illi x-xogħolijiet fuq Triq Sant'Elia kienu waqfu temporanjament sakemm sar l-pagament mill-MEPA iżda issa x-xogħolijiet qed jitkomplew.

5.06 Iċ-Chairman Peter Bonello ssuġġerixxa li fi Triq il-Kbira fejn sar il-rainwater culvert issir bankina biex tissalvagwardja lir-residenti.

5.07 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi l-Perit Stephen Farrugia jagħti stima tal-bankina lill-Kunsill biex din tigi kkunsidrata, wara jiehu kull azzjoni neċessarja biex isiru l-permessi meħtieġa.

5.08 Il-Perit Stephen Farrugia ġie skużat fis-7.20pm

**3 Offerti**

3.01 Il-Kunsill gie nfurmat li ser tinħareġ sejħa għal offerti peress li t-tenders imniżżla hawn taħt jagħlqu f'Settembru 2009:-

1. Manutenzjoni ta' Sinjali u Marki tat-toroq;
2. Manutenzjioni tat-toroq;
3. Insurance Coverage;

4. Bulky Refuse, Upkeep & Maintenance of Public Conveniences & Street Sweeping;

3.02 Dwar it-tender tal-Manutenzjoni tat-Toroq ġie deċiż unanimament illi l-MP&DC jipprepara dan it-tender peress li fid-dokument preżenti hemm xi affarijiet nieqsa;

3.03 Dwar it-tender tal-Contract Manager li jiskadi f'Novembru 2009 gie deċiż unanimament illi dan jigi estiż għal sentejn oħra.

**4. Aggornament – Attivitajiet:- Jum San Giljan Mediterranean Fest**

4.01 Saret riferenza għal-laqgħa nformali li saret fit-12 ta' Ġunju 2009 fejn gew diskussi l-attivitajiet tal-Kunsill. Ghalhekk ġie deċiż unanimament illi ghal:-

**Jum San Giljan**

- Fid-19/8/09 issir Ħarġa għall-Anzjani. L-avviż għal din il-ħarġa jsir fuq The Malta Independent minbarra li jsir fil-knejjes tal-lokalita' u l-ewwel 200 resident 60+ jiġu aċċetti;
- Fit-22/8/09 issir Lejla Maltija. F'din l-attivita' jiġu nvoluti l-Kumitati tal-Festa u l-Għaqdiet ta' l-Armar, bl-ispejjeż għalihom;
- Fit-23/8/09 issir il-maratona;
- Ġimgħa qabel il-Festi tal-Balluta u San Ġiljan isiru żewġ kunċerti. Waħda minn Marie Therese Vassallo u l-oħra mill-Banda ta' San Ġiljan rispettivament;
- Is-Sibt filgħodu ta' qabel jum il-festa jkun hemm l-Mobile Blood Donating Unit.

**Mediterranean Fest**

- Il-Mediterranean Night / Lampuki Fest ser issir bejn il 4 – 6 ta' Settembru 2009. Din l-attivita' ser issir bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Matul din is-serata ser ikun hemm ukoll sezzjoni għall-*wine tasting* li ser jieħu ħsiebha l-Marsovin ghal ispejjez tiegħu.

4.02 Iċ-Chairman Peter Bonello ssuġġerixxa li wasal iż-żmien li jerġa jingħata Ġieħ San Ġiljan u rrakomanda li tingħata lis-Surmast Agius Muscat u s-Sur Lino Schembri. Hu rrakkomanda li jiġi kkonsultat is-Sur John Agius biex jissuġġerixxi xi persuni oħra.

4.03 Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

**6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

6.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

6.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.05 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-Għaqda Piroteknika San Ġiljan ma hiex irreġistrata u li s-Sur Julian Borg talab li l-pagament jinħareg fuq isem ta' individwu.

6.06 Ġie deċiż unanimament illi l-pagament isir fuq is-Segretarju, is-Sur Robert Vella, u l-Għaqda tigi nfurmata li jekk issir xi talba oħra l-Għaqda trid tkun irreġistrata.

**7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2661 sa 2678 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'C').

7.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2661 sa 2678.

7.03 l-Kunsillier Ronald Agius issekondaha.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jigu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

8 **Materji Oħra**

8.01 Il-Kunsillier Edgar Montanaro gibed l-attenzjoni biex tinstab alternattiva oħra minħabba li s-sistema tal-manutenzjoni tal-marki tat-toroq ma hiex effettiva.

8.02 Wara diskussjoni qasira ġie deciz unanimament illi ż-zebra crossings imniżżla hawn taħt isiru ta' tip ta' paving :-

- Quddiem il-Wembley;
- Ta' Triq Ross;
- Tal-Pjazza tal-Balluta;
- Ta' ħdejn in-Neptunes;
- Ta' Triq Mikelangelo Borg;
- Ta' ħdejn il-LOVE.

8.03 Saret riferenza għall-artikli li jinkitbu mill-Kunsilliera fuq il-magazine tal-Kunsill u ġie deċiż unanimament illi sabiex jintlaħqu r-residenti kollha ta' San Ġiljan ikun hemm aktar artikli bl-Ingliż..

8.04 B'riferenza għall-Minuti 17/K6/09 (tkomplija) Taqsima 2, para 2.11, dwar xiri jew kiri ta' van is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li sabiex ikun hemm kompetiżżjoni ġusta meta jintalbu l-offerti l-Kunsill għandu jagħti dati tekniċi cari.

8.05 Wara deċiżjoni qasira ġie deċiż unanimament illi d-dati tekniċi għall xiri jew kiri ta' van ikunu kif ġej:- Diesel / Panel Van / seats jinżlu / 4 seater mill-inqas / bl-Air Conditioning / engine capacity 1.4.

8.06 Il-Kunsill ġie nfurmat illi Supt Sharon Tanti tista' tiltaqa' mal-Kunsill l-għada 26 ta' Ġunju 2009 fis-2.00pm għax wara ser tkun imsiefra.

8.07 Ġie deċiż unanimament illi s-Supretendent tiġi infurmata li l-laqgħa ssir wara li tiġi mis-safar.

8.08 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-laqgħa ma' Fr. Claude Portelli, li ser issir nhar il-Ġimgha 3 ta' Lulju 2009, issir f-12.00pm minflok fl-10.00am u li minbarra l-arloġġ bil-logo jingħata wkoll decanter.

.

8.09 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni illi l-kuntrattur John Bugeja li ġie magħżul għat-tmexxija tal-Kumpless Dun Anton Sciberras, Ta' Giorni, għadu ma baghatx id-dokumenti mitluba biex ikun jista jiġi ffirmat il-Kuntratt.

8.10 Ġie deċiż unanimament li s-Sindku Peter Bonello jikkuntattja lis-Sur John Bugeja.

8.11 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fit-8.05pm

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |